**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 233/2021**

**Il-Pulizija**

*(Spettur Lydon Zammit*

*Spettur Stephen Gulia*

*Spettur Sarah Kathleen Zerafa)*

**vs**

**Brian Mallia**

Illum, 4 ta' Frar, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Brian Mallia** ta' 46 sena, iben Louis u

Alfrida xebba Borg, imwieled il-Pieta nhar il-11 ta' Lulju 1974, residenti gewwa l-facilita korretiva ta' Kordin u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 321374M.

Akkuzat:

1. *Talli nhar l-1 ta' Marzu 2021 ghal habta ta bejn is-07:00Hrs u s-13:00Hrs minn gewwa r-residenza 56, Triq il-Qaliet, Marsaskala ikkommetta serq ta' apparat fotografiku, gojjellerija u flus kontanti ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), bil-lok u li sar ghad-dannu ta Josanne (Josephine Anne) Caruana u/jew ta' xi persuna/i ohra u/jew entitajiet ohra;*

2. *Talli nhar l-4 ta' Marzu 2021 ghal habta ta' bejn is-14:00Hrs u l-16:00Hrs ta wara nofsinhar minn gewwa r-residenza 26, Triq Kent, Fgura ikkommetta serq ta' gojjellerija u flus kontanti ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), bil-lok u li sar ghad-dannu ta Henry Scicluna u/jew Mary Scicluna u/jew ta'xi persuna/i ohra u/jew entitajiet ohra;*

3. *Talli nhar is-17 ta' Marzu 2021 ghal habta ta bejn l-10:30Hrs u l-16:30Hrs minn gewwa r-residenza 77, Triq Luqa Briffa, Zejtun ikkommetta serq ta' gojjellerija, flus kontanti u ogetti ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), bil-lok u li sar ghad-dannu ta' Tereza Busuttil u/jew ta'xi persuna/i ohra u/jew entitajiet ohra;*

4. *Talli bejn it-18 ta' Marzu 2021 u 1-21 ta Marzu 2021 minn gewwa r-residenza 87, Triq I-iskola, Zabbar ikkommetta serq ta' gojjellerija ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), bil-lok u li sar ghad-dannu ta' Lee Barun u/jew ta' xi persuna/i ohra u/jew entitajiet ohra;*

5. *U aktar talli fl-4 ta' Marzu 2021 ghal habta ta' bejn is-14:30Hrs u 15:30 Hrs tå wara nofsinhar minn gewwa r-residenza 50, Virgo, Triq il-Koppla, Fgura bil-hsieb li jaghmel delitt ta serq kkwalifikat,bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w ghorin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), bil-lok u li wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzioni ta dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga indipendenti u accidentali mil-volonta tieghu u dan ghad-dannu ta' Anthony Micallef u/jew ta' xi persuna/i ohra u/jew entitajiet ohra;*

6. *Talli bejn id-9 ta' Frar 2021 u it-12 ta' Frar 2021 minn gewwa r-residenza 42, Triq il-Knisja, Paola ikkommetta serq ta' flus kontanti ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghorin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), bil-lok u li sar ghad-dannu ta' Rita Curmi u/jew ta' xi persuna/i ohra u/jew entitajiet ohra;*

7. *U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkustanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi moghtija fil-konfront tieghu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu.*

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll 1-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kap 9 tal-ligijiet ta Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fug indikati.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tal-15 ta' April 2021 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Wara li rat li l-Avukat Generali nhar It-18 ta' Ottubeu 2023 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe[2]:

1. Fl-artikoli 261(b), 261(c), 261(e), 263(a), 264, 265, 267, 269(g), 279(b), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-artikoli 261(c), 261(e), 267, 269(g), 279(b), 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-artikoli 261(b), 261(c), 261(e), 263(a), 264, 265, 267, 269(g), 279(b), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] Fol. 8 ta' l-atti processwali
[2] Fol. 889 ta' l-atti processwali

4. Fl-artikoli 261(b), 261(c), 261(e), 263(a), 264, 265, 267, 269(g), 279(a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 41(1)(a), 261(b), 261(c), 261(e), 263(a), 264, 265, 267, 269(g), 279(b), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 261(b), 261(c), 261(e), 263(a), 264, 265, 267, 269(g), 279(a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
9. Fl-artikoli 15A, 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tal-25 ta' Jannar 2024 din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha definittivament nhar il-25 ta' Jannar 2024.[4]

Rat illi l-provi tad-difiza gew dikjarati maghluqa fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2024.[5]

---

[3] Fol. 924 ta' l-atti processwali
[4] Fol. 924 ta' l-atti processwali
[5] Fol. 926 ta' l-atti processwali

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Dan il-kaz jikkoncerna hames incidenzi ta' serq aggravat u attentat ta' serq aggravat minn diversi residenzi f'Rahal Gdid, il-Fgura, Haz-Zabbar, Iz-Zejtun u Marsascala.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

**L-Ispettur Lydon Zammit**, stazzjonat fit-Taqsima tar-Reati Magguri, xehed fis-seduta tal-20 ta' April 2021[6]. Spjega li t-Taqsima kienet qed tinvestiga numru

[6] Fol. 28-35 tal-atti processwali

ta' serqiet minn djar lejn in-naha t'isfel ta' Malta u kontemporanjament, fis-7 ta' April 2021 kienu gew arrestati certi Frankie Pace u persuna ohra. Dan Pace kien ammetta l-involviment tieghu f'numru ta' serqiet u qal li kien ghamilhom flimkien ma Brian Mallia. Mallia kien maghruf minhabba li ftit qabel kien gie mitkellem in konnessjoni ma serqiet ohrajn u kienu gew elevati l-mowbajl tieghu kif ukoll vettura. Spjega li dawn il-proceduri jikkoncernaw sitt serqiet differenti:

- Serqa mir-residenza 42, Triq il-Knisja, Rahal Gdid li giet rappurtata fit-12 ta' Frar 2021 ghall-habta tal-16:45hrs minn Rita Curmi li qalet li meta marret lura fir-residenza taghha kienet sabet il-bieb ta' barra sgassat u hafna taqlib fuq gewwa. Qalet li kienet barra mid-dar ghal tlett ijiem qabel u li kien nieqsa madwar €910. Kienu ttiehdu impronti digitali minn fuq mugs minn fejn allegatament ittiehdu l-flus u dawn qablu ma dawk ta' Frankie Pace, li minn naha tieghu kien qal li kien akkumpanjat minn Brian Mallia.

- Serqa mir-residenza 26, Triq Kent, Il-Fgura, li giet rappurtata fl-4 ta' Marzu 2021 minn Henry u Mary konjugi Scicluna, li qalu li hekk kif irritornaw id-dar ghall-habta tal-16:00 sabu kullimkien imqalleb. Ittiehdu madwar €1,000, xi dehebijiet, HP laptop u Canon digital camera. Kien gie nnutat fuq il-mejda flixkun tax-xorb li qabel kien fil-frigg u ghalhekk, gie elevat ghall-analizi. Minn filmati CCTV mill-akkwata, gew innotati zewg persuni maskili hergin mir-residenza, wiehed minnhom bil-basket tal-laptop.

- Attentat serqa mir-residenza 50, Virgo, Triq il-Koppla, l-Fgura rappurtata fl-4 ta' Marzu 2021 minn Anthony Micallef li spjega li hekk kif dahal lura fid-dar tieghu mill-bitha, sab hafna taqlib li qabel ma kienx hemm izda rrizulta li ma kien insteraq xejn. Minn CCTVs li ngabru minn din ir-residenza dehru li l-malviventi kienu l-istess zewg irgiel li dahal fir-residenza 26, Triq Kent, il-Fgura u gew identifikati bhala Frankie Pace u Brian Mallia.

- Serqa minn 87, Triq l-Iskola, Haz-Zabbar rappurtata lill-Pulizija fil-21 ta' Marzu 2021 min Lee Barun. Kien nieqes mid-dar fit-tlett ijiem ta' qabel u meta mar lura sab il-bieb sgassat u hafna taqlib fuq gewwa. Irrizulta li kien hemm nieqsa ghadd ta' gojjellerija li kienu f'kaxxa tal-injam f'gwardarobba fil-kamra tas-sodda.

- Serqa minn 56, Triq il-Qaliet, Marsascala rappurtata minn Josephine Anne Caruana fl-1 ta' Marzu 2021. Spjegat li kienet harget ghax-xoghol fis-07:00hrs u ghall-habta tal-12:00hrs infurmawha xi girien li l-bieb tad-dar taghha kien sgassat u miftuh u li wiehed mill-klieb taghha kien qed jigri barra. Fid-dar kien hemm hafna taqlib u nsterqu madwar €4,000 fi flus u ammont kosiderevoli ta' deheb ta' valur circa €16,000. Dwar dan l-episodju infethet inkjesta mill-Magistrat tal-Ghassa Dr Marse Anne Farrugia.

- Serqa minn 77, Triq Luqa Briffa, Iz-Zejtun rappurtata fis-17 ta' Marzu 2021 minn Frances Gauci u ommha anzjana Therese Busuttil. Spjegaw li

kienu hargu mir-residenza dakinhar madwar l-10:30hrs u ndunaw bis-serqa meta rritornaw lura ghall-habta tal-16:20hrs u sabu l-bieb sgassat u taqlib. Sfaw nieqsa madwar €1,500 fi flus kontanti, Lm 1,400 f'munita antika kif ukoll revolver antik li kien fil-living room tad-dar.

Ix-xhud spjega li in segwitu tal-informazzjoni moghtija minn Frankie Pace, inkiseb mandat ghall-arrest tal-imputat Brian Mallia u fil-fatt gie arrestat fl-14 ta' April 2021 u ghazel li ma jezercitax id-dritt ghall-assistenza legali qabel gie nterrogat. Gie elevat mowbajl tal-marka HTC u ntalbet localization data relattiva. Minn din id-data, irrizulta li Mallia invarjabbilment kien fl-inhawi relevanti fil-mumenti meta probabbilment sehh is-serq. Giet elevata ukoll vettura tal-marka Daihatsu bin-numru ta' registrazzjoni HBD-404 wara informazzjoni moghtija minn Frankie Pace li Mallia kien imur ghalih Bormla, jmorru jaghmlu s-serq u wara jerga' jwasslu qrib ix-Xatt ta' Bormla. Pace ta' deskrizzjoni dettaljata ta' kull serqa u qal li hu u Mallia kienu jaqsmu l-flus izda d-deheb dejjem kien izommu Mallia. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat Brian Mallia ammetta l-involviment tieghu fis-serqiet kollha u ukoll ta hafna dettalji.

Fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2021 xehed **Chris Scicluna**[7]. Qal li fl-4 ta' Marzu 2021 ghall-habta tal-16:00, cemplitlu ommu Mary Scicluna u qaltlu li d-dar taghhom 26, Triq Kent, Il-Fgura, kienet giet misruq. Imbaghad huwa cempel ghall-assistenza tal-Pulizija u mar fuq il-post sakemm waslu l-Pulizija.

Fl-istess seduta xehed **Henry Scicluna**[8]. Jghid li hu u l-mara tieghu kienu hargu nofs ta' nhar Bugibba u meta rritronaw lura lejn id-dar taghhom 26, Triq Kent, Il-Fgura wara nofsinhar, sabu taqlib kbir fid-dar u diversi affarijiet nieqsa kif

---

[7] Fol. 71-72 tal-atti processwali
[8] Fol. 73-77 tal-atti processwali

ukoll madwar €1,100 f'karti tal-flus kif ukoll €1,050 ohra f'muniti. Ipprezenta elenku tal-affarijiet nieqsa li pprepara huwa stess.

Fl-istess seduta xehdet **Mary Scicluna**[9]**.** Tispecifika li s-serqa sehhet fl-4 ta' Marzu 2021 bejn is-14:00 u l-16:00. Hekk kif pruvat tidhol lura fir-residenza taghha 26, Triq Kent, Il-Fgura, sabet il-bieb ta' barra "stramb" u hafna taqlib gewwa d-dar. Tikkonferma li nsterqulhom diversi oggetti tad-deheb u flus kontanti. Tikkonferma ukoll li assistiet lil zewgha Henry Scicluna biex jipprepara elenku tal-oggetti misruqa.

Fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2021 xehdet **Theresa Busuttil**[10]. Tghid li t-tfifla taghha Frances ghamlet rapport mal-Pulizija f'isimha minhabba serq bi sgass mid-dar taghha 77, Triq Luqa Briffa, Iz-Zejtun. Harget mid-dar ghall-habta tal-11:30am. Wara saret taf li aktar tard dakinhar, bintha kienet irceviet telfonata minghand gara li l-bieb tad-dar kien miftuh u marret fuq il-post. Eventwalment, wara madwar jumejn, marret hi ukoll lura fir-residenza taghha u sabet kullimkien imqalleb. Spjegat li ittiehdu seba crieket tad-deheb, zewg gizirajjen, salib, brazzuletta u choker kif ukoll zewg mobiles u revolver antik. Spjegat li d-deheb kien ikun gewwa kaxxa fit-TV unit. Ma kienitx kapaci taghti valur fir-rigward tal-oggetti nieqsa. Ziedet li kienu ttiehdu ukoll xi flus antiki Maltin, cirka Lm 2,000 u pprezentat elenku baziku tal-oggetti nieqsa.

Fl-istess seduta xehdet **Frances Gauci**[11], bint Theresa Busuttil. Tiftakar li kien is-17 ta' Marzu (2021) meta ghall-habta tat-15:30hrs irceviet telefonata li l-bieb tad-dar ta' ommha 77, Triq Luqa Briffa, Iz-Zejtun kien miftuh. Talbet lil huha jmur fuq il-post u hi cemplet l-Ghassa. Eventwalment marret hi ukoll fuq il-post u sabet kullimkien imqalleb. Taf li ttiehdu arma kif ukoll diversi oggetti ta'

[9] Fol. 79-80 tal-atti processwali
[10] Fol. 123-136; 148-150 tal-atti processwali
[11] Fol. 137-147 tal-atti processwali

gojjelerija mill-kaxxa fejn kienet izzommhom, inkluz crieket u cpiepet u gizirajjen kif ukoll xi flus antiki Maltin. Tghid li hafna mid-deheb kien inxtara mill-hanut 'Gold Lady' fiz-Zejtun stess.

Fl-istess seduta xeehd **Lee Barun**[12] li spjega li f'Marzu jew April 2021 kien ghamel rapport li persuni kienu dahlu fil-post ta' nanntu defunta fi Triq l-Iskola, Haz-Zabbar bi sgass u serqu xi oggetti tad-deheb minn gewwa. Jispjega li huwa acceda l-ghada ta' meta jidher li dahlu l-hallelin u sab hafna taqlib. Id-deheb kien jinkludi crieket u gizirajjen.

Fl-istess seduta xehdet **PS 2269 Miriam Lia**[13], stazzjonata fl-Ghassa ta' Rahal Gdid, li spjegat li fl-4 ta' Marzu 2021 kienet xoghol fl-Ghassa u ghall-habta tal-16:40hrs, giet infurmata li kienet sehhet serqa mid-dar 26, Triq Kent, Il-Fgura. Marret fuq il-post u tkellmet mad-derubati Henry u Mary Scicluna.Kien jidher li sar sgass u kien hemm it-taqlib gewwa. Scicluna spjegaw li kienu sabu nieqsa, flus kontanti, deheb u laptop.

Fl-istess seduta xehdet **Maria Caruana** f'isem Caritas Malta[14]. Spjegat, in succint, li l-imputat Brian Mallia ghandu problema akuta hafna ta' abbuz mid-drogi li fil-passat, ftit li xejn sar biex tigi ndirizzata. Tghid li diment li jkun il-habs b'arrest preventiv, ma jistax jibbenefika minn inmates programme kontra d-droga. Dan jista' jsir meta wiwhed ikun il-habs qed jiskonta sentenza.

**Frankie Pace** xehed fis-seduti tat-18 ta' Novembru 2021[15] u tad-9 ta' Gunju 2022[16]. Beda biex jghid li qed jiskonta sentenza karcerarja ta' tmien snin wara li ammetta ghal diversi reati ta' serq, fosthom dawn li tressaq fuqhom ukoll l-imputat Brian Mallia tramite l-instanti proceduri. Sahaq diversi drabi li kellu

[12] Fol. 152-157 tal-atti processwali
[13] Fol. 158-160 tal-atti processwali
[14] Fol. 161-169 tal-atti processwali
[15] Fol.270-276 tal-atti processwali
[16] Fol. 527-598 tal-atti processwali

vizzju qawwi ta' abbuz mill-kokaina u wara hafna rezistenza u battibekki, ikkonferma li fl-istqarrija tieghu kien fil-fatt semma li kien akkumpanjat waqt is-serq minn Brian Mallia u li kienu jmorru bil-karozza tieghu, fejn darba minnhom ipparkjaw kwazi Bulebel. Ikkonferma ukoll li fil-filmat CCTV li kien gie muri kienu jidhru t-tnejn li huma flimkien. Ikkonferma li hu u Brian Mallia kien wettqu s-serqiet bi sgass fiz-Zejtun, f' Marsascala, f'Rahal Gdid, f'Haz-Zabbar u tnejn fil-Fgura. Mis-serqa ta' Marsascala, jghid li hu zamm il-flus filwaqt li Brian Mallia ha d-dehebijiet u jkompli jelabora li l-prassi bejniethom meta jsibu d-deheb kienet li hu jzomm xi haga aktar flus filwaqt li Brian Mallia jiehu d-deheb u jirranga bih hu. Minn serqa fil-Fgura jghid li huwa ha laptop, li huwa biegh, filwat li Brian Mallia ha xi deheb. Jishaq li fid-dar li dahlu fiha f'Haz-Zabbar ma kienu sabu xejn. Spjega li l-intenzjoni taghhom qatt ma kienet li jidhlu fuq in-nies u jweggughom u li sahsitra kien jikkonsmu d-droga appena jlestu minn serqa. Lil Brian Mallia kien ilu jafu mit-tfulija, imbaghad bdew jikkonsmaw id-droga flimkien, u eventwalment bdew jaghmlu r-reati flimkien.

Fis-seduta tad-9 ta' Frar 2022 xehdet **Deborah Barun**[17]. Tghid li r-residenza 87, Triq l-Iskola, Haz-Zabbar hija tal-genituri taghha, illum nieqsa. Ghalhekk din kienet maghluqa. Xi nies kienu qalulha li kien hemm il-bieb miftuh u meta marret fuq il-post kien hemm il-bieb sgassat u hafna taqlib gewwa u ma nstabitx kaxxa li kien fiha xi gojjellerija tad-deheb li kienet ta' ommha li kienu jinkludu crieket, gizirajjen, settijiet tad-djamanti suwed. Ma tatx indikazzjoni tal-valur taghhom. In kontro-ezami, negat is-suggeriment li l-oggetti setghu kienu merament mahsulin bid-deheb u sostniet li kien hemm minnhom antiki hafna, sa minn zmien il-buznanna taghha. Tikkonferma li sal-lum, il-gojjelerija ma gietx ritornata.

[17] Fol. 414-422 tal-atti processwali

Fl-istess seduta xehed **David Micallef**[18]. Kien ghamel rapport mal-Pulizija wara li huh kien infurmah li xi nies kienu dahlu fuq missierhom Anthony Micallef fir-residenza tieghu 50, Virgo, Triq il-Koppla, Il-Fgura.

**Anthony Micallef**[19], xehed fl-istess seduta u minn naha tieghu ikkonferma li flimkien mat-tifel tieghu kien ghamel rapport mal-Pulizija ghax fit-3 ta' Marzu 2021 wara nofsinhar, xi persuni kienu dahlulu fid-dar u harbtu kull m'hemm. Waqt dan hu kien qed jaqla' l-hwejjeg fil-bitha u ma nduna b'xejn waqt li l-persuni kienu gewwa. Intebah ghax hekk kif dahal mill-bitha, ra l-bieb ta' barra miftuh berah. Jghid li ra xi laqx tal-injam mal-art hdejn il-bieb u jikkonkludi li probabbilment gie sgassat permezz ta' palankina.

Fis-seduta tat-28 ta' April 2022 xehed **PS 1283 Fortune Calafato**[20], stazzjonat fl-Ghassa ta' Rahal Gdid. Fit-12 ta' Frar ircieva rapport bit-telefon minn Rita Curmi li sabet il-bieb tar-residenza taghha 42, Triq il-Knisja, Rahal Gdid sgassat. Acceda fuq il-post u kkonferma dan kif ukoll li kien hemm hafna taqlib. Skont ma spejgat il-vittma, kienu nsterqu madwar €910 fi flus kontanti.

Fl-istess seduta xehdet **Rita Curmi**[21]. Tikkonferma li fit-12 ta' Frar 2021 irritornat lura fid-dar taghha 42, Triq il-Knisja, Rahal Gdid wara jumejn nieqsa minn hemm u rat il-bieb ta' barra miftuh. Mill-vicin rat li kien hemm sinjali ta' sgass vicin is-serratura. Fuq gewwa kien hemm taqlib kullimkien u sabet b'kollox madwar €950 kontanti nieqsa li kienu f'xi mugs fil-wallunit kif ukoll nuccali li ma kienitx tuza. Tghid li konsegwenza ta' dak li gara kellha ssewwi

[18] Fol. 423-426 tal-atti processwali
[19] Fol. 427-434 tal-atti processwali
[20] Fol. 470-471 tal-atti processwali
[21] Fol. 473- 480 tal-atti processwali

l-bieb u tibdel is-serratura u ghamlet zmien tibza′ tiqghod fid-dar. In kontro-ezami kkonfermat li ma kienet rat lil hadd qed jisraq mid-dar.

Fl-istess seduta xehdet **Josephine Ann Caruana**[22]. Tghid li fl-1 ta′ Marzu 2021 ghall-habta tal-16:30hrs ghamlet rapport mal-Pulizija minhabba li kien hemm sgass fid-dar taghha [fi Triq il-Qaliet Marsascala]. Filghodu kienet harget fis-07:00hrs. Intebhet ghax xi nies cemplulha li kien hemm il-kelba taghha tigri barra u waslet fuq il-post ghas-14:30hrs. Rat li l-bieb ta′ barra tad-dar kien miftuh u kellu bicca maqsuma lejn in-naha t′isfel. Sabet taqlib mad-dar kollha u tghid li nserqulha hafna oggetti tad-deheb b′valur ta′ cirka €13,000 li taghhom ghamlet elenku kif ukoll €3,700 in kontanti. Kellha tibdel il-bieb ta′ barra minhabba l-hsara li garrab.

Fis-seduta tal-5 ta′ Ottubru 2022 xehdu **PS 586 Mario Azzopardi u PC 1491 Kurt Attard**[23], stazzjonati fit-Taqsima Forensika li pprezentaw u halfu r-relazzjoni taghhom. Huma ghamlu xoghol ta′ fotografija fil-fond 56, Alderhorst, Triq il-Qaliet, Marsascala.

Fl-istess seduta xehedet **PS 2379 Stephanie Zammit**[24], stazzjonata fl-Ghassa ta′ Haz-Zabbar li kkonfermat li fil-21 ta′ Marzu 2021 fid-09:00 irceviet rapport bit-telfon minn certu Lee Barun dwar serqa bi sgass mill-fond 87, Triq l-Iskola, Haz-Zabbar. Infurmat lill-Ispettur Darren Buhagiar u issejhu fuq il-post ufficjali mit-Taqsima Forensika.

Fl-istess seduta xehed **Dr Christopher Spiteri** f′isem Tranport Malta[25] li kkonferma li l-vettura HBD-404 tat-tip Daihatsu YRV hija registrata fuq isem Mary Anna sive Miriam Pace u ilha hekk registrata mill-1 ta′ Frar 2021.

[22] Fol. 482-490 tal-atti processwali
[23] Fol. 615-616 tal-atti processwali
[24] Fol. 656-657 tal-atti processwali
[25] Fol. 657=658 tal-atti processwali

Fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2022 xehed **PS 1405 Dylan Gerada**[26], stazzjonat fl-Ghassa taz-Zejtun, li kkonferma li kien ha r-rapport dwar is-serqa mid-dar 77, Triq Luqa Briffa, Iz-Zejtun u acceda ukoll fuq il-post fejn ra hafna taqlib. Ha hsieb idahhal id-dettalji relattivi fir-rapport 5/I/772/2021. Tal-istess import kienet ix-xhieda ta' PC 1094 Braydon Bonnici[27], stazzjon fl-istess Ghassa, li akkumpanja lil PS 1405 Dylan Gerada meta accedew fuq il-post.

Fl-istess seduta xehdu **PS 586 Mario Azzopardi u PC 1491 Kurt Attard**[28], stazzjonati fit-Taqsima Forensika li halfu u pprezentaw ir-relazzjoni taghhom konsistenti ritratti relattivi ghas-serqa mill-fond 87, Triq l-Iskola, Haz-Zabbar.

Fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2022 xehed **PC 1533 Jeremy Sultana**[29], stazzjonat fl-Ghassa ta' Rahal Gdid, li kkonferma li nhar il-21 ta' Marzu 2021 kien xoghol fh-Ghassa ta' Haz-Zabbar u rcieva r-rapport dwar serq mir-residenza 87, Triq l-Iskola, Haz-Zabbar. Mar fuq il-post u ra l-bieb ta' barra sgassat u gewwa kien hemm hafna taqlib. Tkellem mal-kwerelant, li huwa ma jsemmix, u jghid li inghata informazzjoni fuq l-oggetti li sfaw nieqsa.

Fl-istess seduta xehed **l-Ispettur Darryl Farr**[30], gia PS 1569 li kkonferma li kien ghamel ir-rapport 4/H/1021/2021 fl-1 ta' Marzu 2021.

Fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2023 xehed **PC 350 Christian Darmanin**[31], stazzjonat fl-Ghassa tal-Fgura. Fil-5 ta' Marzu 2021 ircieva rapport minn Anthony u David Micallef dwar attentat ta' serq bi sgass mir-residenza Virgo, 50, Triq il-Koppla, Il-Fgura li kien sehh lejliet, u cioe' fl-5 ta' Marzu 2021.

[26] Fol. 669-671 tal-atti processwali
[27] Fol. 672-673 tal-atti processwali
[28] Fol. 678-679 tal-atti processwali
[29] Fol. 722-723 tal-atti processwali
[30] Fol. 724-725 tal-atti processwali
[31] Fol. 732-734 tal-atti processwali

Fl-istess seduta xehed l-**Ispettur Thomas Zammit**, gia PS 976 kif ukoll PC 2369 Stephanie Cassar[32] li halfu u pprezentaw ir-relazzjoni taghhom. Fl-4 ta' Marzu 2021 ghamlu xoghol ta' fotgrafija fil-fond 26, Triq Kent, Il-Fgura.

Fis-seduta tat-28 ta' Frar 2023 xehdet l-**Ispettur Doriette Cuschieri,**[33] stazzjonata fl-Ghassa taz-Zejtun. Spjegat li rigward is-serqa mill-fond 77, Triq Luqa Briffa, Iz-Zejtun, kienet infethet inkjesta mill-Magistrat tal-Ghassa Dr Gabriella Vella. Ma kellha l-ebda involviment ulterjuri fil-kaz.

Fl-istess seduta xehed **l-Ispettur Darren Buhagiar**[34], stazzjonat fl-Ghassa ta' Haz-Zabbar. Gie nformat bir-rapport maghmul minn certu Lee Barun dwar serq bi sgass mill-fond fi Triq l-Iskola, Haz-Zabbar fejn huwa acceda u jikkonferma li kien hemm it-taqlib. Tkellem ma Barun, li ghaddielu lista tal-affarijiet allegatement nieqsa. Kien ta struzzjonijiet sabiex jingabru filmati CCTV minn kameras vicin.

Fl-istess seduta xehed **PC 195 Melvin Calleja**[35], stazzjonat fl-Ghassa ta' Rahal Gdid. Jghid li gabar filmati CCTV minn kameras vicin il-fond 26, Triq Kent, Il-Fgura li imbaghad ghaddihom lit-Taqsima tar-Reati Magguri.

Fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2023 xehdet **Charmaine Zammit**[36] in rapprezentanza ta' EPIC Communications Limited, li pprezentat call profile relattiv ghan-numru '99651512' ghall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sat-30 ta' Marzu 2021.

Fl-istess seduta xehed l-eks **Spettur Melvin Zammit**[37], li kkonferma li kien gie mgharraf dwar ir-rapport relattiv ghas-serqa bi sgass fi Triq il-Qaliet,

---

[32] Fol. 735-737 tal-atti processwali
[33] Fol. 802-803 tal-atti processwali
[34] Fol. 805-806 tal-atti processwali
[35] Fol. 806-807 tal-atti processwali
[36] Fol. 815-816 tal-atti processwali
[37] Fol. 818-819 tal-atti processwali

Marsascala. Huwa kien informa lill-Magistrat tal-Ghassa Dr Marseanne Farrugia li hatret inkjesta.

Fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2023 xehdet l-**Ispettur Sarah Kathleen Zerafa**[38], stazzjonata fl-Ghassa ta' Rahal Gdid. B'referenza ghar-rapport dwar serqa bi sgass minn 26, Triq Kent, Il-Fgura, pprezentat DVD kontenenti filmati CCTV migbura mill-akkwata.

Fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2023 xehed **Dr Steven Farrugia Sacco**[39], espert mahtur mill-Qorti, li halef u pprezenta r-relazzjoni tieghu. Huwa ghamel inkarigu ta' estrazzjoni ta' fotogrammi mill-filmat relattiv ghal Triq Kent, Il-Fgura.

Fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2023 xehed l-**Ispettur Stephen Gulia**[40], stazzjonat fit-Taqsima tar-Reati Magguri, li kkonferma d-dettalji dwar is-sitt episodji in ezami f'dawn il-proceduri. Iddettalja li mill-fond 42, Triq il-Knisja, Rahal Gdid, kienet giet elevata impronta digitali tal-imputat kif ukoll ta' certu Frankie Pace. Imbaghad minn CCTV cameras vicin il-fond 26, Triq Kent, Il-Fgura kienu jidhru zewg persuni fil-vicinanzi, wiehed minnhom igorr basket tal-laptop, li fil-fatt kien instab nieqes minn dak il-fond. Dawn l-istess persuni dehru ukoll permezz ta' filmati ohrajn vicin il-fond 50, Virgo, Triq il-Koppla, Il-Fgura, fejn kien hemm attentat ta' serq bi sgass. Instabet impronta digitali ta' Frankie Pace ukoll fil-fond 77, Triq Luqa Briffa, Iz-Zejtun. Eventwalment Pace gie arrestat u minn informazzjoni moghtija minnu stess, il-Pulizija waslet ghall-imputat Brian Mallia. Minn taghrif ta' call localisation, irrizulta li n-numru ta' Mallia '99651512' gie rintraccjat vicin tal-postijiet koncernati fil-mument li sehhew ir-reati. Mallia gie arrestat mill-habs stess u irrifjuta l-jedd ghall-

[38] Fol. 824-827 tal-atti processwali
[39] Fol. 840-841 tal-atti processwali
[40] Fol. 892-904 tal-atti processwali

assistenza legali qabel ma fil-fatt gie interrgat, fejn ammetta l-involviment tieghu fis-sitt episodji relevanti u li kien qed jopera flimkien ma Frankie Pace. Ipprezenta vera kopja ta' zewg sentenzi moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-konfront tal-imputat Brian Mallia fl-24 ta' Marzu 2021 u fis-7 ta' Novembru 2016 si fini ta' recediva.

Fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2024 xehed **PC 1255 Chriatian Azzopardi**[41], stazzjonat fit-Taqsima tar-Reati Magguri, li pprezenta 'PCR' dwar il-vettura Daihatsu YRV bin-numru ta' registrazzjoni HBD-404 li skont l-informazzjoni moghtija lill-pulizija minn Frankie Pace, intuzat waqt li saru r-reati in ezami.

Fl-istess seduta xehdet **Stefania Calafato Testa**[42], f'isem ir-Registratur tal-Qrati Kriminali, li informat li ma kienx hemm appell mis-sentenzi precedentament ezebiti mill-Ispettur Stephen Gulia.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija**

Illi l-istqarrija tal-imputat Brian Mallia ittiehdet b'mod awdjo-viziv mill-Ispetturi Lydon Zammit u Stephen Gulia fl-14 ta' April 2021 wara li l-imputat inghata s-soliti drittijiet, inkluz dak ghall-assistenza legali, li huwa irrifjuta[43]. Fiha ammetta li s-sitt serqiet mertu tal-proceduri odjerni ghamilhom hu flimkien ma certu Frankie Pace mill-Isla mgharuf bhala "il-Fucker" (sic.). Jammetti ukoll li kien "jibla hafna pirmli" u li ghamel reati minhabba li kellu ukoll problemi relatati mal-uzura. Ikkonferma ukoll li hu u Frankie Pace kien jmorru fuq il-lok bil-karozza tieghu. Jispjega li meta kien jinsteraq id-dehem,

[41] Fol. 913-914 tal-atti processwali
[42] Fol. 918-919 tal-atti processwali
[43] Fol. 380-413 tal-atti processwali

dan kien jinqasam bejnu u Pace fuq l-ghajnejn, jigifieri minghajr ma ssir stima ta' kemm jiswa. Fil-fatt, dwar dan innega l-insinwazzjoni li kien ghamel Pace li d-dehem izommu kollu hu u jiehu hsieb isarrfu. Tista' tghid li qabel mas-suggerimenti kollha maghmula lilu ghajr ghall-fatt li mir-residenza ta' Triq il-Qaliet, Marsascala, jghid li merament "qsamna xi €450 kull wiehed" biex b'hekk jinnega bil-qawwa s-susuggeriment li kienu hadu mal-€14,000. Jghid li qatt ma ghamel serqiet lejn it-Tramuntana ta' Malta ghax ma jafx jasal. Tenna li jiddispjacih tal-eghmil tieghu u jghid li kieku jista' jrodd kollox lura lill-vittmi.

**Ikkunsidrat**

**Trattazzjoni**

Il-prosekuzzjoni u d-difiza trattaw il-kaz fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2024[44]. Il-prosekuzzjoni, in succint, tghid li l-imputazzjonijiet odjerni jirrizultaw oltre mill-grad rikjest mill-ligi u cioe' li l-imputat kien involut fis-sitt episodji in ezami. Id-difiza mill-banda l-ohra ssostni li ghalkemm il-fatti "huma li huma", il-Qorti xortawahda trid tqis il-provi kollha fid-dawl tal-prezunzjoni tal-innocenza u b'referenza ghal dan tghid li x-xiehda ta' Frankie Pace mhux ta' min joqghod fuqha ghax meta fettillu, deherlu li seta' leggerament ibiddel il-verzjoni tieghu.

**Ikkunsidrat:**

**Serq bi Sgass**

[44] Fol. 941-944 tal-atti processwali

Il-Qorti sejra tqis hames incidenzi ta' serq bi sgass li fihom jinsab mixli l-imputat Brian Mallia. Dawn huma:

Serqa mir-residenza 42, Triq il-Knisja, Rahal Gdid li giet rappurtata fit-12 ta' Frar 2021 ghall-habta tal-16:45hrs minn Rita Curmi li qalet li meta marret lura fir-residenza taghha kienet sabet il-bieb ta' barra sgassat u hafna taqlib fuq gewwa. Qalet li kienet barra mid-dar ghal tlett ijiem qabel u li kien nieqsa madwar €910. Kienu ttiehdu impronti digitali minn fuq mugs minn fejn allegatament ittiehdu l-flus u dawn qablu ma dawk ta' Frankie Pace, li minn naha tieghu kien qal li kien akkumpanjat minn Brian Mallia.

Serqa mir-residenza 26, Triq Kent, Il-Fgura, li giet rappurtata fl-4 ta' Marzu 2021 minn Henry u Mary konjugi Scicluna, li qalu li hekk kif irritornaw id-dar ghall-habta tal-16:00 sabu kullimkien imqalleb. Ittiehdu madwar €1,000, xi dehebijiet, HP laptop u Canon digital camera. Kien gie nnutat fuq il-mejda flixkun tax-xorb li qabel kien fil-frigg u ghalhekk, gie elevat ghall-analizi. Minn filmati CCTV mill-akkwata, gew innotati zewg persuni maskili hergin mir-residenza, wiehed minnhom bil-basket tal-laptop.

Serqa minn 87, Triq l-Iskola, Haz-Zabbar rappurtata lill-Pulizija fil-21 ta' Marzu 2021 min Lee Barun. Kien nieqes mid-dar fit-tlett ijiem ta' qabel u meta mar lura sab il-bieb sgassat u hafna taqlib fuq gewwa. Irrizulta li kien hemm nieqsa ghadd ta' gojjellerija li kienu f'kaxxa tal-injam f'gwardarobba fil-kamra tas-sodda.

Serqa minn 56, Triq il-Qaliet, Marsascala rappurtata minn Josephine Anne Caruana fl-1 ta' Marzu 2021. Spjegat li kienet harget ghax-xoghol fis-07:00hrs u ghall-habta tal-12:00hrs infurmawha xi girien li l-bieb tad-dar taghha kien sgassat u miftuh u li wiehed mill-klieb taghha kien qed jigri barra. Fid-dar kien

hemm hafna taqlib u nsterqu madwar €4,000 fi flus u ammont kosiderevoli ta' deheb ta' valur circa €16,000.

Serqa minn 77, Triq Luqa Briffa, Iz-Zejtun rappurtata fis-17 ta' Marzu 2021 minn Frances Gauci u ommha anzjana Therese Busuttil. Spjegaw li kienu hargu mir-residenza dakinhar madwar l-10:30hrs u ndunaw bis-serqa meta rritornaw lura ghall-habta tal-16:20hrs u sabu l-bieb sgassat u taqlib. Sfaw nieqsa madwar €1,500 fi flus kontanti, Lm 1,400 f'munita antika kif ukoll revolver antik li kien fil-living room tad-dar.

F'dan il-kazijiet, il-prosekuzzjoni ttenni li s-serq huwa aggravat ghax kwalifikat bil-"mezz", li f'kull kaz huwa sgass ai termini tal-Artikolu 263(1) u 264 tal-Kodici Kriminali , ikkwalifikat bil-"valur", tal-ħaġa misruqa, li f'zewg instanzi jeccedi €232.94 skont l-Artikoli 267 u 279(a) tal-Kodici Kriminali u fi tlett instanzi jeccedi €2,329.37 ai termini tal-Artikoli 267 u 279(b). Huwa aggravat ukoll bil-"lok" ghax sehh minn djar residenzjali skont l-Artikolu 269(g) tal-Kodici Kriminali.

Illi skont Carrara, "*il furto e' la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro*". Ghalhekk jirrizulta minnufih li sabiex jissusisti serq irid jkollna l-elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioe:

- il-*contractatio* jew tehid tal-haga,
- li tappartjeni lil terzi,
- maghmula b'mod frawdolenti,
- minghajr l-kunsens tad-sid, u
- *animo lucrandi*.

Ghalhekk meta nghidu li sabiex jissusisti s-serq il-*contractatio* tar-*res aliena* irid isir b'mod frawdolenti, inridu nfissru li t-tehid tal-oggett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittiehed minghand terzi, jigifieri li t-tehid qed isir ghad-dannu ta' terzi. Huwa importanti *sine qua non* biex jigi ppruvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-*mens rea* mhux biss t-tehid tar-*res aliena* izda l-intenzjoni li ser isir akkwist- *animo di farne lucro*. Il-kontracettazzjoni ma hiex bizzejjed imma hemm bzonn li tkun saret *invito domino* u *luci faciendi gratia*.

Infatti r-rekwizit specjali ghas-serq huwa li wiehed qed jipprokura, sodisfazzjon, vantagg jew beneficcju minn haga li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jigi ppruvat huwa l-pussess tal-oggett li jrid jigi prodott minn kull tehid illegittimu kommess *mediante sottrazione senza violenza personale*, kif jghid Manzini *presupposta essenziale del furto e' la mancanza del possesso del agente*. Meta fil-fatt sid ta' *res aliena* m'ghandhux interess fl-oggett jew ahjar abbanduna l-istess oggett, minn jiehu dan l-oggetti ma jistghax jinsab hati ta' serq, se mai, ta' misappropriazzjoni. Fil-fatt, kif gia gie spjiegat fil-kawza ***Il-Pulizija v S.Pisani***[45] il-Qorti qalet li sabiex jezisti l-vjolazzjoni ta' serq, mhux biss l-oggett irid jigi mehud, izda li t-terz jigi spussessjat mill-oggett. Kwantu ghar-rekwizit ta' invito domino huwa intwittiv li l-kunsens tas-sid jiddirimi r-reat ta' serq. Dan il-kunsens jista' jkun tant espress kemm tacitu. F'cirkostanzi eccessjonali jista' jkun prezunt, u allura l-buona fede ta' l-awtur tal-contractatio teskludi r-reat. Bil-kelma lucro wiehed m'ghandhux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew borswali imma kwalunkwe vantagg, sodisfazzjon, utili, pjacir, beneficcju jew kommodu li l-hati jkollu fi hsiebu li jipprokura. Carrara jghid : "*avvengache per lucra qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vantaggio o sodisfazione procurata a se' stesso*."

[45] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kirminali nhar d-dsatax ta' Frar, 1942

Illi f'dan il-kaz, l-elementi tar-reat ta' serq kollha jirrizultaw, partikolarment ghax il-flejjes u oggetti koncernati gew mehuda kontra l-volonta' tas-sidien tant li dawn kollha ghamlu rapporti mal-Pulizija. L-element essenzjali tal-*animus lucrandi* huwa ukoll palezament manifest mill-fatt li appena kienu jisirqu, l-imputat u Frankie Pace kienu jkunu pronti jghoddu l-flus u jaqsmuhom, flimkien mal-oggetti tad-deheb, bejniethom.

Illi dwar l-identifikazzjoni tal-imputat tista' tghid li ftit li xejn jista' jkun hemm lok ta' dubbju minhabba li gie identifikat mill-kollaboratur tieghu Frankie Pace, permezz ta' filmati CCTV, kif ukoll permezz ta' impronta digitali. Tajjeb jinghad li dawn il-provi kollha bl-ebda mod ma gew attakkati mid-difiza jew kontradetti b'xi mod.

*Multo Magis*, fl-istqarrija tieghu, li ttiehdet wara li gie offrut il-jedd ghall-assistenza legali, l-imputat ammetta l-involviment tieghu fl-episodji kollha mertu tal-proceduri.

Fid-dawl tas-suespost, u cioe' li l-provi huma univoci u jippuntaw kollha lejn direzzjoni wahda, il-Qorti hija sodisfatta lilhinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-imputat kien involut fis-sitt episodji mertu ta' dawn il-proceduri u li dawn huma fil-fatt kwalifikati kif definit fl-imputazzjonijiet innifishom.

**Attentat ta' Serq bi Sgass**

B'zieda ma dak diga' kkonsidrat, L-imputat jinsab ukoll mixli l'attentat serqa mir-residenza 50, Virgo, Triq il-Koppla, l-Fgura rappurtata fl-4 ta' Marzu 2021 minn Anthony Micallef li spjega li hekk kif dahal lura fid-dar tieghu mill-bitha, sab hafna taqlib li qabel ma kienx hemm izda rrizulta li ma kien insteraq xejn. Minn CCTVs li ngabru minn din ir-residenza dehru li l-malviventi kienu l-istess

zewg irgiel li dahal fir-residenza 26, Triq Kent, il-Fgura u gew identifikati bhala Frankie Pace u Brian Mallia. Bl-istess mod bhar-reati l-ohrajn, ghalhekk, gie debitament ipprovat li l-imputat kien involut f'dan l-attentat ta' serq.

Intant, fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, l-Avukat Generali jiccita l-Artikolu 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali li jghid li jekk id-delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tal-ħati, il-piena stabbilita għad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew żewġ grad. F'dan il-kaz dhul bi sgass sar, taqlib gewwa kien hemm izda ma nsteraq xejn ghax ma nstab xejn. Ghalhekk il-piena ser tkun imnaqqsa bi grad wiehed.

**Ikkunsidrat**

**L-Addibitu tar-Recidiva**

Illi ghar-rigward il-hdax il-imputazzjoni l-imputat giet akkuzat tali renda ruhu recidiv skont l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghar-rigward l-addebitu tar-recidiva l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali jghid hekk:

*Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.*

L-artikolu 50 jistqarr:

*Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Illi l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali fuq piena fil-kaz ta' recidiva ta' serq jghid:

*"(1) Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi.*

*(2) Meta ż-żieda fil-piena ma tistax issir ħlief billi tiġi mogħtija l-piena tar-reklużjoni, din il-piena tista' tingħata satmintax-il perijodu.*

L-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali huwa applikabbli *"fil-kazijiet ta' recidiva..."* ta' serq u peress li r-recidiva kif definita skont l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali tirrikjedi li l-persuna koncernata *"tkun giet ikkundannata ghal reat..."* persuna li tigi ikkundanata prigunerija (anke jekk is-sentenza hija sospiza) ghandha titqies bhala persuna recidiva u ghalhekk ladarba hemm recidiva skont l-artikolu 49 u 50 hemm recidiva skont l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali u ghalhekk is-sentenza dwar serq taghti lok ghal zieda tal-piena taht l-artikolu msemmi.

Illi permezz tas-seba' (7) imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni titlob dikjarazzjoni li l-imputat huwa recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-addebitu tar-recidiva gie debitament ippruvat mill-Prosekuzzjoni, li ezebiet vera kopja ta' zewg sentenzi moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-konfront tal-imputat Brian Mallia fl-24 ta' Marzu 2021[46] u fis-7 ta' Novembru 2016[47]. It-tnejn kienu jikkoncernaw, inter alia, reati ta' serq.

[46] Fol. 905 et seq tal-atti processwali
[47] Fol. 908 et seq tal-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta' l-imputat[48] li hija wahda ta' portata biblika. Tixhed ghal karattru raffrettarju fl-imputat, fejn ghandu mhux inqas minn tlieta u ghoxrin (23)-il kundanna minn dawn il-Qrati, konsistenti primarjament f'reati ta' serq.

L-imputat inghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati sabiex jirriforma ruhu u inghata ukoll diversi sentenzi karcerarji effettivi. Pero' jidher li l-imputat baqa' ma tghallem xejn u ghadu jippersisti li jibqa' jghix fil-hajja ta' kriminalita' li sfortunatament qabad snin ilu, tant li jista' jigi deskritt bhala 'career criminal'.

Jigi meqjus ukoll li minkejja li kien diga' ammetta ghall-involviment tieghu fir-reati in ezami fl-istqarrija tieghu, regolarment mehuda, l-imputat xorta wahda ghazel li jikkontesta l-imputazzjonijiet u li intant, ma ressaq l-ebda prova u ghamel kontro-ezamijiet mill-inqas.

Illi r-reat ta' serq huwa meqjus aggravat in vista tal-mezz, valur, xorta u l-lok li fih sar u b'hekk din il-Qorti ghandha taghti piena tenut kont ta' l-aggravju u mhux fil-minimu taghha skond l-artikolu 280(2) tal-Kodici Kriminali u mizjuda bi grad jew tnejn skont l-artikolu 277(b) tal-Kodici Kriminali.

Illi l-aritkolu 20 tal-Kodici Kriminali jghid li meta l-liġi tiddisponi espressament li piena m'għandhiex tingħata fil-minimum, il-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-massimu.

[48] Fol. 9-25 tal-atti processwali

Finalment, in vista li l-imputat instab hati li hu recidiv taht l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti hija tal-fehma li tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, il-piena ghandha certament tkun wahda karcerarja effettiva.

Irrizulta wkoll li l-oggetti misruqa ma gewx ritornati lill-ebda mill-vittmi u whud mill-istess oggetti misruqa huma ta' natura sentimentali u ghaldaqstant il-Qorti ghandha taghti Ordni ta' Kumpens skont l-artikolu 15A tal-Kodici Kriminali.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 15A, 17, 31, 41(1)(a), 44, 50, 261(b), 261(c), 261(2), 261(e), 263(a), 264, 265, 267, 269(g), 279(a), 279(b), 280(1), 280(2), 289, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil Brian Mallia **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, inkluz l-addebitu tar-recediva, u tikkundannah ghall-piena komplessiva ta' tmien (8) snin prigunerija.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15A(1) u 532A tal-Kodici Kriminali tordna lill-hati **ihallas** is-somma ta' sbatax il-elf u hamsa u tmemin Euro (€17,085.00) lill Josephine Anne Caruana, is-somma ta' elf u mitejn Euro (€1,200) lil Rita Curmi, is-somma ta' elfejn u erba mitt Euro (€2,400) lil kopja Mary u Henry Scicluna, is-somma ta' elf Euro (€1,000) lil Lee Barun, is-somma ta' elfejn u disa mitt Euro (€2,900) lil Therese Busuttil bhal kumpens ta' l-oggetti kollha misruqa liema somma ghandha tithallas fiz-zmien massimu skont il-ligi. Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-**konfiska** tal-*corpus delicti*, tal-istrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex isir id-delitt.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' **Ordni ta' Trazzin** kontra l-hati a favur ta' Josanne (Josephine Anne) Caruana, Tereza Busuttil, Lee Barun, Anthony Micallef u Rita Curmi ghal perjodu ta' tlett snin mid-data tar-remissjoni tal-piena u li ghandha taghti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

**Komunika:** Kummissarju tal-Pulizija

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lil hati Brian Malli **ihallas lir-Registratur tal-Qorti** l-ispejjez tal-esperti mahtura fl-inkjesta fis-somma globali ta' elf, erba mija u disghin Euro u tmienja u tmienja u sebghin centezmi (**€1,490.78**) rapprezentanti spejjez ta' l-espert mahtur Perit Valerio Schembri fl-ammont ta' tmien mija, hamsa u erbghin centezmu (€845.00), Esperti Scene of Crime PC2156 Lara Garzia fl-ammont ta' tlett mija, disa u sebghin Euro u sittin centezmi (€379.60), PS 1285 Graham Cassar Bonaci fl-ammont ta' seba u erbghin Euro u ghaxar centezmi (€47.10) u PC 1491 Kurt Attard fl-ammont ta' mitejn u dsatax il- Euro u tmien centezmi (€219.08) rispettivament.

**Komunika:** Registratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali

**Moghtija illum nhar l-4 ta' Frar 2025, fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Courtney Zahra**

**Deputat Registratur**